## Edizzjoni speċjali tas-*Sagħtar – Il-Malti għall-Barranin*

Fondazzjoni Sagħtar għadha kif nediet edizzjoni speċjali tar-rivista *Sagħtar*, imsejħa "*Il-Malti għall-Barranin*".

Din il-ħarġa tikkonsisti f'għadd ta' riżorsi u għodda għall-edukaturi biex jgħinuhom irawmu l-ewwel għarfien u mħabba għal-lingwa Maltija fl-istudenti żgħar u dawk li jkunu għadhom fi stadju bikri tat-tagħlim tagħhom tal-Malti, b'mod speċjali l-istudenti barranin li jkunu għadhom qed jintegraw fis-soċjetà tagħna. Għalhekk għandha sservi ta' għodda prezzjuża f'idejn l-edukaturi biex dawn l-istudenti, speċjalment fl-iskola primarja, jiffamiljarizzaw ruħhom mal-Malti, jifhmuh u jibdew jużawh fil-kuntest tal-ħajja u l-kultura Maltija. Il-pubblikazzjoni stampata se titqassam fl-iskejjel filwaqt li verżjoni diġitali se tkun tista' tiġi aċċessata mis-sit saghtar.org.mt.

L-attivitajiet u r-riżorsi f'din il-ħarġa speċjali tas-*Sagħtar* jistgħu jintużaw fil-klassi, fl-iskola jew id-dar, bl-għajnuna tal-edukaturi, il-ġenituri jew xi ħadd adult. L-attivitajiet huma sempliċi u tat-tip li t-tfal jieħdu gost jagħmluhom u fl-istess ħin jitgħallmu minnhom, fosthom tpinġija, krafts, logħob, kitba ħafifa, qari u iktar, u jirreferu għal diversi sitwazzjonijiet fil-ħajja ta' kuljum. Dawn jinkludu l-familja, l-iskola, l-ikel, il-kuluri, ftit kultura, l-annimali, il-mezzi tat-trasport, in-numri, il-professjonijiet, it-temp u oħrajn.

Ir-riżorsi li jiffurmaw dan il-ktieb tfasslu u nkitbu mis-Sa Raisa Abela, bis-sostenn tas-Sur Kenneth Busuttil mid-Direttorat għall-Istudenti Internazzjonali fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. L-illustrazzjonijiet tpinġew mis-Sa Carina Giordano waqt li d-disinn hu tas-Sa Celine Debono.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-iskema Small Initiatives Support amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u s-Settur tal-Volontarjat.

## A special edition of *Sagħtar – Il-Malti għall-Barranin*

Fondazzjoni Sagħtar has just launched a special edition of *Sagħtar*, titled "*Il-Malti għall-Barranin*".

This edition consists of a number of resources and tools for educators to help them assist young students or those who are just starting to learn Maltese, especially foreigners trying to integrate in our society, in their early cognition and appreciation of the Maltese language. Thus, this book is a precious tool for educators so that students, especially in primary schools, familiarise themselves with Maltese, understand and use the language in a Maltese context and culture. The printed publication shall be distributed to schools while a digital version shall also be available on saghtar.org.mt.

Tha activities and resources within this special *Sagħtar* edition can be used in class, at school or at home, under the guidance of educators, parents or a responsible adult. The activities are simple, the type which students enjoy themselves working out while serving as a learning experience, such as colouring in or drawing, crafts, games, simple writing, reading and more, and refer to various situations from everyday life. These include family, school, food, colours, some culture, animals, means of transport, numbers, professions, the weather and more.

The resources which form this book were created and written by Ms Raisa Abela, with the support of Mr Kenneth Busuttil from the International Learners' Directorate within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. The illustrations were drawn by Ms Carina Giordano while the design was carried out by Ms Celine Debono.

This project has been funded by the Small Initiatives Support Scheme (SIS) managed by the Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS) supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector (MIV).